***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tlieta u tmenin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Tnejn 18 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Attivitajiet Milied 2010 – Ħamrun Spartans

Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Hamrun Spartans F.C nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2010, il-Kunsilliera li attendew ingħataw aktar tagħrif rigward l-attivitajiet proposti mill-Ħamrun Spartans F.C għal żmien il-Milied 2010. Huwa tenna li sejjaħ din il-laqgħa sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-proposti u jieħu deċiżjoni dwarhom.

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Ħamrun Spartans F.C. (kopja meħmuża ma' dawn il-minuti).

Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li filwaqt li taqbel mal-inizzjattiva tal-Ħamrun Spartans F.C u tistieden Għaqdiet oħra fil-lokal biex jieħdu inizzjattivi simili, ma taħsibx li hija idea tajba l-proposta li jġibu madwar 24 bejjiegħ tal-monti fil-Ħamrun fi żmien il-

Milied. Hija qalet li l-pożizzjoni tal-Kunsill dejjem kien li jipprova jsaħħaħ il-komunita' kummerċjali lokali.

Is-Sur C. Valletta spjega li l-proposti tal-Ħamrun Spartans kienu tajba ħlief għall-proposta li ssir il-*Christmas Village* fi Pjazza San Pawl bil-parteċipazzjoni ta madwar 24 bejjiegħ tal-monti. Huwa qal li bħala l-Kunsillier inkarigat mill-Qasam tal-Kummerċ fil-Ħamrun, ma jista qatt jaċċetta li ssir xi ħaġa li tnaqqas in-negozju għall-ħwienet tal-lokal. Attivita' bħal din tagħmel ħsara lill-ħwienet tal-Ħamrun. Is-Sur C. Valletta staqsa jekk l-attivitajiet humiex ser isiru bi sħab mal-Kunsill u jekk Triq il-Kbira San Ġużepp hix ser tingħalaq għal xi attivita'.

Is-Sur M. Caruana ssuġġerixxa li l-*Christmas Village* ikun jikkonsisti minn bejjiegħa ta' affarijiet bħal *Mulled wine* u qastan, kif ukoll ikun hemm servizz ta' fotografu biex jieħu ritratti ma' *Father Christmas*.

Is-Sindku spjega li l-fatt li jkun hemm bejjiegħa oħra fil-pjazza jista jattira xerrejja oħra lejn il-Ħamrun. F'każ li jsir dan il-*Christmas Village*, il-Ħamrun Spartans F.C iridu jiksbu l-permessi kollha meħtieġa mit-*Trade Licensing Unit* u l-Pulizija. Huwa żied jgħid li l-attivitajiet tal-Ħamrun Spartans F.C u tal-Kunsill għandhom ikunu separati u li Triq il-Kbira San Ġużepp mhux ser tingħalaq għal xi attivita'.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li :

- Il-Kunsill flimkien mal-komunita kummerċjali jżejnu Triq il-Kbira San Ġużepp minn Pjazza San Pawl sa Triq Santa Maria bid-dawl dekorattiv (Jekk ikun hemm parteċipazzjoni biżżejjed mill-komunita kummerċjali). F'każ li l-Ħamrun Spartans F.C iridu jżiedu d-dawl mill-Pjazza lejn il-Blata l-Bajda jridu jagħmlu arranġamenti mal-Ħamrun Liberty.

- Il-Kunsill jinstalla *P.A system* fi Triq il-Kbira San Ġużepp li tkun tista tintuża mill-Ħamrun Spartans F.C (Jekk ikun hemm parteċipazzjoni biżżejjed mill-komunita kummerċjali), liema sistema tista tiġi estiża għal toroq oħra mill-istess Ħamrun Spartans F.C.

- Li l-Ħamrun Spartans F.C ipoġġu palk għad-divertiment fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata tal-każin bil-kundizzjoni li jiksbu '*No Objection'* mir-residenti u sidien tal-ħwienet tal-viċinanzi u kull permess ieħor li jista jkun meħtieġ.

Is-Sindku ressaq mozzjoni 'Mill-proposta tal-Ħamrun Spartans F.C biex jarmaw *Christmas Village* fi Pjazza San Pawl qed nipproponi li diment li jarmaw affarijiet li ma jkunux ta' natura li jaffetwa l-ħwienet, jistgħu jarmawh. Pero jekk hemm xi ħsieb li jintrema *Christmas Village* li jbiegħ kollox, nipproponi toroq alternattivi, jġifieri jew Triq Joe Abela Scolaro jew Pjazza Kapplillan Muscat.

Il-Viċi Sindku ssekonda. Ittieħed vot.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet bi ħames (5) voti favur u erba' (4) voti kontra.

## 4. <u>Aġġornament</u>

Fis-7.00p.m il-laqgħa ntemmet.

<table>
<tr><td>______________________<br>Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun</td><td>______________________<br>Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun</td></tr>
</table>

______________________
DATA